# Nisel

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

FIL-BIDU Alla ħalaq is-sema u l-art. U qal: Isir id-dawl. U d-dawl sar. U firex ma' kullimkien fis-skiet għax ma sabx xi jħaddan.

Imbagħad Alla ħalaq id-dinja. U daħħalha fid-dawl. U ħadem fiha għal ħamest ijiem sa ma sebħet għammiela, mogħnija bil-mira' u l-egħlejjel.

U l-baħar qagħad u daħal fil-ħażż, u twitta ma' xfar il-blat. U rema l-fwar minn ilmijietu, bħal bħur minn midbaħ. U tħenna bil-ħajja ferħana fil-fitla ta' ħdanu.

Għax il-ħajja ħielsa ħadet il-wisa', fis-sema, fl-art, fil-baħar. U għażlet imkienha. U nasbet agħmarha. U daħħlet għal seħimha.

U ħidmet l-art dwiet u żanżnet fis-sikta bħal xeħda naħal bieżla.

U x-xemx, għajn is-sema, ħarset lejn id-dinja u ratha għammiela u mogħnija fuq il-kwiekeb l-oħra, u dawritha bid-dija.

Iżda Alla kien għad ma ħelisx minn kollox u kien għadu ma qagħadx fuq il-ħolqien; u d-dinja kien għad ma kellhiex sliem.

U fl-aħħar Alla qal: Insawru fuqna l-bniedem sabiex imexxi l-ħolqien għalina u jżid u jkattar xogħolna u jhejjih matul il-ġimgħa, u kollox ikun sewwa.

U fis-sitt jum Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu biex imexxi l-ħolqien għalih, u jorqom u jżid xogħlu billi jaħkem fuq l-art u jaħdimha.

U Hu nnifsu, fis-seba' jum, strieħ.

* * *

Hekk wasal il-bniedem bħala sid fuq il-ħolqien. U taha għax-xogħol sa tmiem il-ġimgħa.

Imbagħad qam fuq qaddu biex iqis xogħlu u jistrieħ. Iżda kien għad jonqos xi jsir. U l-art ma kinitx strieħet.

Id-dinja daret fuq il-bniedem, u ma għarfitux b'sidha.

Għax dan kien naqsu jeddu, u tilef kobru, u ma baqax jaħkimha. Għax ma għarafx jistgħallha u kien kiel mit-tuffieħa li ma kinitx misjura.

U d-dell t'Alla ħallieh.

* * *

U l-bniedem raġa' bħal qabel, jistenna d-dehen jinżel fuqu, **jitlob l-Id tonqxu sewwa.** Sabiex ħidmet il-ħamest ijiem tagħlaq. U ħs-sitt jum Alla jsebbaħ id-dinja. U din tithenna filmiġja ta' Sibtu!

O Alla, Sid il-Ħolqien, ħares immela lejn id-dinja li sejjaħt għall-ħajja. Ara kif ma sabitx serħ u kif lill-bniedem għadha ma għarfitux...

Aħna lkoll, nisel Adam il-midneb, qegħdin nistennew, maħkuma iva mill-ewwel kwien, u le naħkmu fuqhom aħna...

Ħajjitna saret bħal ta' ħduret l-art. Dehinna għema b'xewqat il-bhima u rtabatna magħhom! U sirna bhejjem!

Bħaż-żiemel li jiżher b'għajnejh ġamar, u jsul u jonfor u jilbet għal xewqtu, hekk aħna nitqallbu f'dagħdigħa ta' regħba u kilba.

U bħall-barri li jmaħmaħ u jqawqab għal fuq id-dgħaf, hekk aħna nagħdbu u naħqru lil ta' taħtna.

U bħad-dib li jitgħajjex bi fdal il-mejtin mill-oqbra, hekk aħna nitgħaxxqu nżebilħu t-tifkira ta' min ġie qabel.

U bħall-ġemel li jgerger għat-tagħbija li jġorr, hekk aħna ma naħmlux it-toqla ta' dmirijietna.

U bħall-mogħża moħħha qasir li tħobb tittarraf fl-irdum, hekk aħna, rasna iebsa, nħaddnu t-tiġrif, fit-telfa tal-"jien issa"!

U bħal-libb ħani li anqas lil sħabu ma jħalli jersqu lejh, hekk aħna ngħiru għal ħutna u nagħmlu għalihom.

U bħall-ħuta li ddur l-ibħra kiesħa u mudlama bla ma tobsor bil-beraħ u d-dawl ta' fuq, hekk aħna nintilfu fid-dlam dejjaq ta' moħħna bla ma nitfgħu għajnejna lejn is-sema.

U bħat-tawes li jintefaħ b'rixu u jara ruħu l-isbaħ fost kulħadd, hekk aħna nitkabbru biż-żina ta' qżużitna.

U bħall-għasfur li jitqabeż hieni fil-qafas u jinsa li twieled ħieles, hekk aħna nitbahardu fil-ħabs ta' ġisimna u ninsew il-kobor ta' ruħna.

U bħas-seqer li jogħla u jissiefaħ b'li jisbi, hekk aħna niddaqqu u niftaħru b'li nisirqu.

U bħal-lifgħa li titkaxkar u tilgħaq trab l-art u ssemmem il-għadu bi lsienha, hekk aħna nitbagħtru fil-ħama u nitgħargħru fid-dnub u nħassru lil ta' madwarna.

O Alla, Sid il-Ħolqien, ħares immela lejn dan li sawwart fuqek, imbiegħed minnek u mħabbeb mal-bhejjem.

Id-dinja titolbok bil-ħniena...

Roddilna 'l Adam, imsawwar fuqek, biex jaħdem ġnienek u jiġbor l-egħlejjel u jagħlaq il-ħidma tal-ġimgħa u jsaltan fuq l-art għalik. Hekk biss id-dinja saflaħħar tithenna u l-bniedem jistrieħ, u jasal il-jum tiegħek, o Mulej!

* * *

Iddew ejja u idħol għalija wkoll, Mulejja, u ġeddidni.

Int ridt Bniedem u f'bidlu hawn midneb...

Bħaż-żiemel li jiżher u l-barri li jmaħmaħ, bħall-ġemel li jgerger u l-mogħża li tontoħ, bħas-seqer li jisbi u l-lifgħa li ssemmem.

Il-bniedem sar bhima u jħares bla ma jara jew jara bla ma jifhem. U tilef it-triq tar-ruħ.

Ruħi bħal qasba li tmil ma' kull fewġa u sa tinqasam.

Hilti bħal ilma ġej dejjem sa jfawwar u m'għandux fejn jissawwab.

Imġibti bħal ilsna tan-nar bla leħħa li jogħlew u jintilfu fix-xejn kif jonqoshom il-kewn.

Hsiebi mħawwad u mqalleb jagħmilni bħal dinja bla sid, bħal ħolqien bla Hallieq.

Ma għandix għajr is-sura taflija, u nħoss li għadni m'jiniex jien!

Iddew ejja u idħol għalija, Mulejja, u ġeddidni, u għaqqadni u saħħaħni, u għammarni bi ġmiel il-bniedem imsawwar fuqek, qawwi u safi u sħiħ.

Ibdel mill-ġdid il-bniedem-bhima u agħmlu l-aqwa xogħol ta' Idek u l-akbar għaġeb ta' mradek. Agħtih is-sliem u s-setgħa fuq l-art. U ħarsu u ħażżmu u ħuf fuqu bil-ħniena.

* * *

U Alla qatagħha u qal: Insawru l-Bniedem Sħiħ u nagħalqu xogħol il-ġimgħa. U Dak li Hu Xebh Sħiħ Tagħna jinżel lejn dak li sawwarna fuqna mit-tafal. Adam Ġdid, mibgħut f'dinja ta' dnub biex jifdiha u jsaltan fuqha. U b'hekk id-dinja tarġa' tagħraf lil Sidha. U Adam u nislu jaħdmu b'għaraq ġbinhom l-art sa ma tagħlaq tabilħaqq il-Ġimgħa. U Aħna nistrieħu f'Sibtna!

* * *

....U l-Anġlu tal-Mulej ħabbar lix-Xebba Marija bil-Kelma t'Alla. U l-Kelma t'Alla ħadet ġisem u saret Bniedem u għammret magħna!